MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1354/2002

**Alison Grech**

**vs**

**Karl Joseph Grech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhaba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi, w ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Illi l-kontendenti ghandhom tliet itfal minuri, cjoe' Aiden Grech illi ghandu tmien (8) snin, Liam Grech li ghandu hames (5) snin, u Daniel Grech li ghandu sentejn (2).

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili (Dok. “A”).

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti, Aiden Grech, Liam Grech u Daniel Grech tigi fdata lill-attrici salv l-eccess tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta’ l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia*, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u

tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-atti relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzivament mill-attrici.

9. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' "Bird".

10. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 11 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-14 ta' Marzu 2003 fejn talab li jigi awtorizzat li jaghti l-verzjoni tieghu u jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 17 ta' Marzu fejn ordnat lill-istess konvenut jikkonferma l-istess bil-gurament u jipprezenta l-affidavits kollha dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja bil-visto/notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghal risposta.

Rat in-nota tal-konvenut Karl Joseph Grech tal-24 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-attrici datata 25 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha, ta' Catherine Strawbridge u ta' Jane Sacco.

Rat il-verbal tal-1 ta' April 2003.

Rat ir-risposta tal-attrici tat-23 ta' April 2003 ghar-rikors tal- konvenut.

Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-17 ta' Gunju 2003 ghal decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-konvenut **Karl Joseph Grech** fl-affidavit tieghu sostna illi:-

*"Qabel ma nbdew il-proceduri ghal separazzjoni jiena u marti Alison, fuq insistenzi tieghi, konna qeghdin nattendu 'counselling sessions' sabiex nippruvaw insolvu l-problemi taghna u ntaffu d-differenzi ta' bejnietna. Jiena kont qed naghmel l-almu kollu tieghi sabiex nippruvaw insahhu r-relazzjorii ta' bejnietna u noffru ambjent xieraq ghal uliedna minuri Aiden, Liam u Daniel illi ghad ghandhom disgha (9) snin, sitt (6) snin u sentejn (2) rispettivament.*

*Ghalhekk, bejn ghaliex konna qed nippruvaw insalvaw iz-zwieg taghna u ghaliex kont qed naghmel hilti kollha biex nergghu nibdew nibnu r-relazzjoni taghna, jiena hadtha bi kbira hafna meta Alison ipprezentat ir-rikors ghas-*

*separazzjoni quddiem l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Settembru 2002.*

*Fil-fatt meta giet appuntata seduta ghas-smiegh tar-rikors l-Imhallef kien issuggerixxa li nippruvaw naslu ghal ftehim bejnietna. Jiena u Alison kellna diversi 'sessions' ma' 'psychologist', senjatament Mary Anne Borg Cunan, illi mbaghad issuggerit illi nibdew nattendu 'sessions' ohra separatament, kif fil-fatt ghamilna. Inoltre kellimna wkoll diversi qassisin sabiex jghinuna nsolvu l-problemi ta' bejnietna, li fil-fatt ghadna nitkellmu maghhom sa llum kif ser nispjega aktar 'il quddiem.*

*Aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar bdejt nittama li l-affarijiet setghu jittrangaw u fil-fatt kont qed naghmel dak kollu possibbli sabiex inbiddel dawk l-affarijiet li Alison kienet tghid illi kienu jdejquha. Ghalhekk, da parti tieghi saru diversi tentattivi ghal rikonciljazzjoni ghaliex jiena bqajt nemmen illi b'xi mod stajna nsalvaw iz-zwieg taghna, fl-ahjar interess mhux biss tieghi u ta' marti, izda wkoll ta' wliedna minuri Aiden, Liam u Daniel, li certament ghad ghandhom bzonn l-ghozza u l-attenzjoni ta' omm u missier. Jiena dejjem urejt dedikazzjoni kbira lejn il-familja tieghi u kien ghalhekk illi ma ridtx illi dak kollu li jiena u Alison hdimna ghalih jisfaxxa fix-xejn.*

*Ir-rezistenza tieghi ghas-separazzjoni kienet intiza mhux biex niirendi s-sitwazzjoni aktar difficli izda sabiex nipprova kull mezz possibbli biex il-familja tieghi terga' tinghaqad u nergghu nibdew mill-gdid. Sfortunatament filwaqt illi jiena kont qed nittama li nsalva z-zwieg, Alison mhux talli ma kellhiex dik l-intenzjoni talli fil-fatt ipprocediet b'kawza quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex tkompli bis-separazzjoni - haga li jiena ma kontx qed nistenna u li ghalhekk hasditni hafna.*

*Fil-fatt, il-gimgha l-ohra ahna bdejna 'counselling sessions' ma' Fr. Hilary Tagliaferro flimkien mat-'team' tieghu gewwa l-Millenium Chapel illi, fil-fehma tieghi, nhoss li qed jaghmlu differenza kbira fir-relazzjoni taghna. Permezz ta' dawn is-'sessions' forsi jiena u Alison inkunu nistghu nergghu ninghaqdu flimkien u niehdu hsieb lil*

*uliedna bhala familja. Ghalhekk qatt ma bsart illi f'dan l-istadju, meta s-sitwazzjoni kienet tidher illi sejra ghall-ahjar, Alison kienet ser tistitwixxi proceduri ghas-separazzjoni.*

*Meta rcevejt id-dokumenti mill-Qorti jiena kont tal-fehma li t-terminu ta' s-sittin gurnata kif stabbilit fid-Digriet datat 7 ta' Jannar 2003 kien intiz sabiex nirrispondi ghat-talbiet illi ghamlet marti Alison u ghalhekk bqajt nistenna sa l-ahhar sabiex forsi Alison tibdel il-fehma taghha u jirnexxielna naslu ghal ftehim. Fil-fatt jiena mort ghand l-Avukat tieghi ftit jiem qabel ma skada l-imsemmi terminu. Kien biss ghal din ir-raguni li jiena ma pprezentajtx l-eccezzjonijiet tieghi u mhux minhabba xi nuqqas ta' nteress fil-kawza jew b'disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti. Jiena dejjem emmint illi kwalunkwe possibilta' ghal rikonciljazzjoni kienet ser tisfaxxa jekk nipprocedu bil-Qorti, ghalhekk ippruvajt nittratjeni sa l-ahhar qabel ma nipprezenta r-risposta tieghi.*

*Fil-fatt, jiena ghandi nteress kbir illi naghti l-fehma tieghi u li ninghata l-opportunita' li nkun parti fil-kawza sabiex b'hekk inkun nista' naghti l-verzjoni tieghi dwar iz-zwieg taghna. Inoltre, nemmen illi jkun fl-interess ta' wliedna minuri li jiena wkoll ikolli l-opportunita' nispjega dak illi jiena nhoss illi hu ta' gid ghalihom. Uliedi huma l-aktar haga ghaziza li ghandi u nemmen illi ghandhom bzonn ikunu f'familja maqghuda fejn isibu l-imhabba u l-affezzjoni kollha li ghandhom bzonn. Fortunatament, jiena ghandi relazzjoni tajba hafna maghhom u nixtieq inkompli nsahhahha.*

*Ghalhekk, ladarba marti qed tinsisti li tipprocedi bis-separazzjoni, ghalkemm jien ghadni nemmen li z-zwieg taghna jista' jigi salvat, nixtieq illi tal-anqas ikolli c-cans illi naghti l-fehmiet tieghi dwar il-kaz u b'hekk ukoll ikolli sehem attiv f'kawza li tirrigwarda z-zwieg taghna u li jiena, kif spjegajt, ili tant nipprova nsalva".*

**(ii). LIGI U GURISPRUDENZA.**

Illi skond l-**Artikolu 187 tal-Kap 12**, hemm stipulat kif ghandhom isiru n-notifiki w *inter alia* fl-istess **Artikolu 187 (1)** jinghad li din ghandha tithalla *"f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod, jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha".*

Illi din il-Qorti gja' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja u l-principji li jirregolawha fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"David Jones et vs Joe Pace et"** (Cit. Nru. 1302/97/RCP) deciza fis-16 ta' Novembru 1998, fejn il-parametri tal-istess kuncett gew ikkonfermati fis-sens li min-naha wahda l-Qorti trid ikollha konvinciment morali tal-aspett negattiv tal-konvenut, sabiex jigi osservat il-principju *'audi alteram partem'* u min-naha l-ohra ma jridx ikun hemm negligenza tal-parti jew tal-mandatarju taghha, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm *'il-culpa'* u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex *"qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire"* (Appell. **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"**) deciza fit-12 ta' Dicembru 1970.

Illi fil-kawza **"Albert Mizzi noe vs Id-Direttur tax-Xoghlijiet" (**P.A.M. 19 ta' Frar 1990. Vol. VLXXIV iii. 451.) sostniet li **l-Artikolu 187 (1)** ghandu jiftiehem fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni ndikati mill-ligi ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju. Dan pero`, ghall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumacja (ezercizzju li prattikament jippistula notifika procedurali valida, ghax altrimenti l-persuna nteressata timxi proceduralment mod iehor) ma jipprekludiex lill-persuna li kellha tigi u guridikament giet notifikata izda qatt ma giet murija l-att mill-persuna li rcevietu u bil-ligi setghet tircevih, illi fil-kazijiet kongrui tfittex l-imsemmija purgazzjoni.

Illi kemm f'dan il-kaz citat u kemm fil-kaz **"Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali"** (Appell. 4 ta' Mejju 1992 – Vol. LXXXI. 293) inghad li meta jkun *"hemm inkompetenza u/jew negligenza da parti ta' l-addetti tal-*

*konvenut, pero` ma jidhirx li sal-mument li kien ghaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut biex jirrispondi".* L-istess inghad fis-sentenza **"Paul Vella et vs Anthony Ellul"** (P.A.S.P. 4 ta' Lulju 1991) fejn gie applikat l-istess principju meta n-nuqqas ikun minn membru tal-familja tal-konvenut – dan ibbazat fuq il-principju li "*jekk ma jkunx hemm ebda nuqqas da parte tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa:- ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*".

Illi nfatti fl-istess sentenza **"Paul Vella et noe vs Anthony Ellul"** (P.A.SP - 4 ta' Lulju 1991) fejn in-nuqqas kien da parti ta' membru tal-familja tal-konvenut gie ritenut li:-

"*Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura punittiva necessarja biex tassigura serjeta' fil-proceduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, hi tifhem li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata w interpretata b' mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa … … … … … anki ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*."

Dawn il-principji gew applikati minn din l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza **"Michael u Natasha konjugi Philippov vs Paul Stoner f'ismu proprju u bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Greys Development Division Limited"** (Cit. Nru. 1047/97/RCP deciza fid-9 ta' Dicembru 1998) u l-kawza l-ohra fl-istess ismijiet deciza fis-16 ta' Dicembru 1998.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** (JSP deciza fit-13 ta' Jannar 1999), il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "*una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*".

8. L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikolta gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. (Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).

*"Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti insenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha*" (*vide* **"Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et"** deciza 21.4.1999 – Cit. Nru. 2409/97/RCP).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut qed jallega li huwa ma pprezentax in-nota t'eccezzjonijet tieghu fit-terminu moghti mill-Ligi ghal zewg ragunijiet intimament konnessi ma' xulxin.

Illi fl-ewwel lok qed jghid li huwa bi zball fehem li kellu terminu ta' sittin (60) gurnata biex jirrispondi ghall-istess, u dan it-terminu ttiehed mid-digriet tal-affidavits attrici moghti fis-7 ta' Jannar 2003. Fit-tieni lok qed isostni wkoll li huwa stenna sa l-ahhar gurnata tat-terminu li minghalih kien japplika sabiex jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, peress li huwa kien jed jittama li jevita li jaghmel dan ghaliex xtaq li l-partijiet odjerni jittransigu. Tant hu hekk li kien anke thabat sabiex ikun hemm *couselling sessions* bejn il-partijiet bl-iskop ta' rikonciljament. Illi l-provi prodotti mill-konvenut f'dan ir-rigward m'humiex qed jigu kontradetti ghalkemm l-attrici *tramite* d-difensur taghha oggezzjonat lill-konvenut jinghata l-fakulta sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, peress li qed issostni li tali agir tal-konvenut mhuwiex gusitifikabbli skond il-ligi. Illi jekk wiehed ihares lejn ir-risposta tal-attrici hija fil-fatt tghid addirittura li l-intenzjoni tal-konvenut kienet biss li jtawwal il-kawza ghaliex fit-tielet paragrafu tal-istess rispossta hija sostniet li: *"il-konvenut kien informa lill-esponenti li huwa kien ser jinjoraha u mhux sejjer ghand avukat, u dan sabiex b'xi mod ikun jista' jistultifikaha u jtawwal il-kawza, jekk jista' jkun ghal ghoxrin (20) sena".*

Illi pero' l-Qorti tinnota li l-attrici stess ma gabet ebda prova dwar dan, u dak kontenut minnha fir-risposta ma gie bl-ebda mod sostanzjat bi provi konkreti, almenu mix-xhieda ta' l-attrici f'dan ir-rigward.

Illi m'hjemmx dubju wkoll li l-kuncetti dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja japplikaw l-istess ghall-kawzi kollha quddiem dawn il-Qrati, inkluzi kawzi ta' separazzjoni personali u kawzi ohra dwar il-familja, *stante* li l-ligi ma taghmel ebda eccezzjoni ghall-applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kazijiet dwar separazzjoni. Illi kkonsidrat dan kollu din il-Qorti ma thossx li abbazi tall-principji fuq elenkati l-konvenut rnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu, u dan peress li jidher b'mod car li l-atti processwali

ndirizzati lejh kienu biss ic-citazzjoni attrici u d-dikjarazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fir-riferta tad-29 ta' Jannar 2003 il-konvenut gie propjru notifikat biss bic-citazzjoni u bl-avviz tal-hlas u mhux bl-imsemmi digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar 2003 dwar affidavits attrici.

Illi *di piu* jirrizulta car li t-twissija ndikata fil-formula tac-citazzjoni attrici giet notifikata lill-konvenut li huwa Marketing Executive. Mill-istess twissija johrog car it-termini li facilment jiftehmu anke minn min mhux midhla tal-Qorti li: *"min jircievi din ic-citazzjoni kontra tieghu ghandu jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijet tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cjoe' minn meta jkun irceviha ….".*

Illi stabbilit mill-premess din il-Qorti ma thossx li l-verzjoni tal-konvenut li huwa hallat dan it-terminu ma' dak moghti lill-attrici ghall-prezentata tal-affidavits taghha hija kredibbli *stante* li c-citazzjoni attwalment notifikata lill-konvenut tindika b'mod car li dik kienet indirizzata lilu, u fl-affidavit tal-konvenut stranament m'hemm l-ebda riferenza ghall-istess citazzjoni minkejja l-fatt li mill-atti processwali jirrizulta li din giet ricevuta mill-konvenut personalment. Dan hu aktar sinjifikanti meta mill-atti ma jirrizultax li d-digriet tal-affidavit gie notifikat lill-konvenut. Apparti dan il-Qorti taghmilha cara li anke kieku tali digriet tal-affidavit attrici gie b'xi mod notifikat lill-konvenut, huwa ovvju li t-terminu tal-istess digriet li l-istess ma jirreferix ghalih.

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-konvenut rcieva c-citazzjoni personalment u wkoll ix-xoghol tieghu huwa ta' Marketing Executive, u allura ma kellu ebda diffikulta sabiex jifhem il-portata tac-citazzjoni attrici u aktar sinjifikanti t-twissija ndikata fl-ewwel pagna tal-formula tac-citazzjoni.

Illi jinghad ukoll illi l-kontenut tal-affidavit tal-konvenut fil-maggjor parti tieghu mhux rilevanti ghall-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenut. Dan ghaliex dak li jrid jigi ezaminat mill-Qorti

huwa jekk tali kontumacja sehhitx minhabba negligenza jew disrispett da parti tal-konvenut jew inkella jekk kienx hemm xi haga accidentali ‘l boghod mill-agir tal-konvenut li mpedietu milli jipprezenta tali nota t’eccezzjonijiet u fid-dawl tal-fatt li dawn il-principji japplikaw ukoll ghall-kawzi odjerni, fl-opinijoni tal-Qorti l-konvenut ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu kemm peress li t-tezi minnu proposta m’hijiex konvincenti u verosimili, u fit-tieni lok peress li l-allegazzjonijiet tal-konvenut fi kwalunkwe kaz huma konferma li kienet in-negligenza tieghu l-fattur ewlieni ghaliex tali eccezzjonijiet ma gewx minnu prezentati fit-terminu.  U ghalhekk t-talba tal-konvenut qed tigi hawn michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-attrici datata 23 ta’ April 2003 **tichad it-talba tal-konvenut** fir-rikors tieghu tal-14 ta’ Marzu 2003 fejn talab li huwa jiggustifika l-kontumacja tieghu u jigi permess jipprezenta nota t’eccezzjonijiet, u dan *stante* li huwa ma rnexxielux mill-provi prodotti jiggustifika tali kontumacja.  U ghalhekk l-istess rikors huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni a karigu tal-istess konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------